MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 9

13 ta' Jannar 2020

Minuti tas-seduta Nru. 9 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2020 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament b'mod elettroniku.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 8 tat-16 ta' Diċembru 2019 ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. *Caravans* u *campers* fil-Bajja tal-Mistra u fl-Armier iż-Żgħir (C/4/Vol IV)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.2.2. tas-seduta preċedenti u qal li l-uffiċjali nkarigati mill-infurzar tal-Awtorità tal-Ippjanar responsabbli mill-ODZ, għaddew pjanta li turi l-postijiet li għandhom jiġu mblukkati biswit is-Sur tal-Aħrax. Mill-kuntatti li kien hemm ħareġ li dan il-għan jista' jintlaħaq permess ta' ġebel kbir, kif sar xi żmien qabel fil-Ponta tal-Aħrax.

2.1.3. Il-Kunsill qabel li t-talba għandha tiġi mplimentata fl-ewwel opportunità possibbli.

### 2.2.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi (A/5/3/7)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta ta' qabel u rrefera għall-attivitajiet marbuta mal-avveniment imsemmi li żvolġa bejn id-19 u t-22 ta' Diċembru 2019. Huwa qal li meta wieħed iqis li dan kien mifrux fuq numru ta' siegħat, l-attendenza kienet dik mistennija. Is-Sur D. Vella qal li t-tinda f'Misraħ il-Parroċċa ħalliet effett pożittiv u ġew evitati nterruzzjonijiet jew kanċellar ta' *performances*. Huwa qal ukoll li kien hemm attendenza sodisfaċenti ta' 250 fir-rigward tal-attività tat-tfal u anke dik li saret għall-anzjani.

2.2.3. Il-Kunsillier G. Micallef aċċenna għall-fatt li l-ikel u oġġetti li kien hemm fl-i*stalls* ma kinux daqshekk varjati u għalhekk ippropona li dan l-aspett jingħata kunsiderazzjoni għall-edizzjoni li jmiss.

2.2.4. Il-Kunsillier I. Castillo nnota li bejn *performance* u oħra li kien hemm taħt it-tinda, il-pubbliku kien jonqos sostanzjalment u għalhekk għandha tinħoloq xi attrazzjoni biex in-nies jibqgħu hemm.

2.2.5. Il-Kunsill M. Abela kkummenta li għandu jsir aktar użu mill-media soċjali u l-mezzi tax-xandir tradizzjonali, aktar mill-gazzetti u *magazines*, biex tingħata promozzjoni lill-avveniment.

## 2.3.1. Proġett – *Young Achievers* (Z/1/Vol II)

2.3.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 2.1.4. tas-seduta ta' qabel u għarraf li huwa tkellem ma' uffiċjal inkarigata mill-proġett, illi nfurmatu li tista' ssir iktar minn talba waħda mill-istess organizzazzjoni.

2.3.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li fil-fatt ser jiġu sottomessi żewġ applikazzjonijiet – waħda li qed jieħu ħsiebha hu, u tinvolvi *Sports Rally* li possibilment isir bejn Ġunju u Lulju 2020, wara li jintemmu l-istaġuni li tal-isports ipprattikati fil-Mellieħa. Kompla jgħid li s-sottomissjoni l-oħra qed jieħu ħsiebha l-Kunsillier I. Castillo u tinvolvi t-tfal li permezz tagħha jkunu jistgħu jressqu idejat innovattivi permezz tal-*Innovation Lab*. Iż-żewġ applikazzjonijiet huma stmati li jiswew €3,000 kull waħda. Is-sejħa ġiet estiża sat-28 ta' Jannar 2020.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 2.4.1. Sħubija fil-*Foundation for Environmental Education* (A/4/6)

2.4.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.14.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li ġiet ikkuntattjata minn diriġent mill-*"The Grow 10 Trees Project"* dwar attività ta' tħawwil ta' siġar. Hija pproponiet li fiha jieħdu sehem it-tfal tal-Iskola Primarja permezz tal-Proġett ECO Skola. L-attività se ssir fis-7 ta' Marzu 2020.

2.4.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li fil-21 ta' Jannar 2020 hija għandha laqgħa mal-Kunsill Skolastiku u tista' tqajjem dan is-suġġett.

## 2.5.1. Titjib fil-Berġa (M/8/Vol VI)

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.5.1. tas-seduta preċedenti dwar l-inawgurazzjoni tat-titjib li sar fil-berġa fit-18 ta' Diċembru 2019 u qalet s-servizzi li kienu jingħataw qabel mill-berġa kienu ta' tabib u infermier, u *speech therapist*. Is-servizzi l-ġodda jinkludu l-podjatrija, il-fiżjoterapija u saħħa mentali. Hija kompliet tgħid li għall-ewwel l-appuntamenti qed jingħataw mill-Mosta, filwaqt li l-viżti fil-berġa jibdew f'nofs Jannar 2020. Eventwalment dawn ser jibdew isiru minn skrivan li ser jinġieb apposta fil-berġa tal-Mellieħa.

2.5.3. Il-Kunsillier I. Castillo, qal li dawn is-servizzi kienu diġa jingħataw miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u effettivament ma sar ebda tibdil.Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini wieġbet li xi servizzi kienu jingħataw biss lil min jiffrekwenta ċ-Centru ta' Matul il-Jum, fejn ma kienx hemm l-attrezzi li attwalment hemm fil-berġa. Is-servizz dwar il-kura mentali ser jidħol aktar tard. Hija qalet ukoll li kien hemm nuqqas ta' iġjene biex is-servizzi l-ġodda jingħataw mill-berġa.

2.5.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li għandha ssir pressjoni fuq l-awtoritajiet tas-saħħa sabiex fil-Mellieħa, oltre minn ċentru li jilqgħa għall-ħtiġijiet għar-residenti tax-Xemxija, San Pawl il-Baħar u l-Qawra, għandu jsir ċentru tas-saħħa li jkun miftuħ 24 siegħa kuljum bħal dak tal-Mosta.

2.5.5. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li għandha tiġi mtennija t-talba li saret fil-passat sabiex jingħata servizz ta' ambulanza fil-Mellieħa matul ix-xhur tas-sajf li ukoll għandu jservi l-popolazzjoni residenti mill-Qawra 'il fuq.

2.5.6. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa jekk tistax tintalab statistika dwar kemm issejħet l-ambulanza stazzjonata fil-Mosta, biex tieħu pażjenti mil-lokalità tal-Mellieħa. Għandu jinkisbu wkoll figuri dwar persuni residenti fil-Mellieħa li rrikorrew fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta. Huwa qal li din l-istatistika sservi sabiex jissustanzjaw talbiet skont il-minuti 2.5.5. u 2.5.6. aktar 'il fuq.

## 2.6.1. Parteċipazzjoni fl-avveniment Bethlehem f'Għajnsielem (A/5/5/Vol VII)

2.6.2. Is-Sindku aċċenna għall-attività tal-Epifanija bħala parti minn Bethlehem f'Għajnsielem. Is-Sur D. Vella, qal li bħat-tmien edizzjonijiet preċedenti l-Kunsill għamel tajjeb għall-kiri tal-bhejjem li ġarrew is-Slaten Maġi mid-Dar tal-Anzjani Madonna tal-Mellieħa sa' Misraħ il-Parroċċa, minn fejn irħewlha għaċ-Ċirkewwa.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.7.1. Servizz *shuttle* bejn il-Mellieħa u l-Għadira (P/4/32)

2.7.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie kkuntattjat mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu li għandhom l-intenzjoni li jintroduċu s-servizz imsemmi bejn il-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru għal persuni anżjani u bi bżonnijiet speċjali, kemm Maltin u turisti. Huwa qal li dan m'huwa ser jinvolvi ebda spiża għall-Kunsill, għalkemm ser ikun mitlub li wieħed jibbukkja għal dan is-servizz mill-uffiċċju tal-istess Kunsill.

2.7.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 2.8.1. Siġurtà għall-anzjani fi djarhom (A/5/3/Vol VIII)

2.8.2. Il-Kunsillier G. Micallef aċċenna li jeżisti numru ta' anzjani li jgħixu waħedhom. Huwa għaldaqstant ippropona li jsiru taħditiet għalihom dwar kif għandhom jipproteġu rwieħom minn kull tip ta' periklu li huma vulnerabbli għalih.

2.8.3. Il-Kunsill ħa nota tas-suġġeriment.

## 2.9.1. Proġett taħt il-programm ERASMUS+ (P/10/35)(P/10/36)

2.9.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li ġiet approvata applikazzjoni għal finanzjament minn fondi Ewropej sabiex jiġi organizzat *workshop* bl-isem *LGBTIQ Rights at the Heart of the EU*. Dan ser isir bejn it-3 u s-6 ta' Marzu 2020, fil-lokalità ta' Casalborgone fl-Italja. Apparti l-Mellieħa u Casalborgone, imsieħba oħra f'din l-inizjattiva huma l-muniċipalitajiet ta' Cugir fir-Rumania u Amata fil-Latvja. Il-*workshop* se jittratta d-drittijiet marbuta mal-ġeneru fil-pajjiżi rispettivi. Biex dan ikun possibbli ġew allokati ftit inqas minn €25,000 taħt il-programm ERASMUS+.

2.9.3 Iż-żgħażagħ li ser jieħdu sehem ġew indikati mill-għaqdiet tal-lokalità. Il-Kunsill qabel li l-grupp għandu jkun akkumpanjat mill-Kunsillieri K. Buttigieg u G. Micallef.

2.9.3. Is-Sur K. Buttigieg għarraf ukoll li attwalment għaddejjin kuntatti fuq proġett ieħor taħt l-ERASMUS+ bl-isem *Creating Connections Through Culture.* Dan ser ikun ikkordinat ukoll mill-Kunsill, għalkemm ser jiġi mwettaq f'Adenau flimkien mal-lokalitajiet tewmija ta' Adenau u Cavriglia. Il-pjan huwa li dan iseħħ bejn id-29 ta' Ottubru u l-5 ta' Novembru 2020.

2.9.4. Il-Kunsill approva azzjoni li qed tittieħed.

## 2.10.1. Attività fi Triq Qasam Barrani (A/6/3/1/Vol 127)

2.10.2. Kunsilliera K. Buttigieg qal li huwa ġie avviċinat mid-diriġenti tal-Mellieħa S.C. Football Nursery dwar l-intenzjoni tagħhom li fl-okkażjoni tat-tletin anniversarju mit-twaqqif tagħha ser jorganizzaw serje' ta' attivitajiet, forthom *car boot sale* fi Triq Qasam Barrani nhar il-Ħadd 22 ta' Marzu 2020. Beħsiebhom ukoll li jorganizzaw *clean-up* madwar Ġnien il-Qigħan.

2.10.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sabiex jinħarġu l-permessi għall-attività ta' Triq Qasam Barrani skont il-proċedura stabbilita fil-liġi.

**2.11.1. Bdila tas-Sindku ta' Agia Napa** **(K/1/5/4)**

2.11.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna li s-Sindku elett ta' Agia Napa huwa Christos Zannettou, peress li din il-kariga kienet vakanti was li s-Sindku preċedenti - Yiannis Karousos - inħatar Ministru tat-Trasport, Komunikazzjoni u Xogħlijiet ta' Ċipru. Huwa għaldaqstant ppropona li tintbagħat nota ta' awguri lis-Sindku Zannettou.

2.11.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**2.12.1. Ħarġiet kulturali** **(A/5/5/Vol VII)**

2.12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-ħarġa li jmiss hija proposta li ssir lejn il-Kunvent ta' Santu Wistin fil-Belt Valletta fis-16 ta' Frar 2019.

2.12.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**2.13.1. Kumitat dwar Triq Ġorġ Borg Olivier** **(T/3/3/Vol IV)**

2.13.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ippropona li ssir laqgħa nformali mal-Kunsill sabiex jiġi aġġornat dwar ix-xogħol li diġa wettaq il-Kumitat, kif ukoll sabiex tittieħed direzzjoni mill-Kunsill kollu dwar miżuri li jridu jittieħdu.

2.13.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa ssir fil-21 ta' Jannar 2020 fis-6.00pm.

**2.14.1. Pjan ħollistiku dwar it-tmexxija tal-Park tal-Majjistral** **(A/4/10)(C/4/Vol IV)**

2.14.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg poġġa kopja tal-minuti tas-seduta tal-4 ta' Diċembru 2019 tal-Park tal-Majjistral.

2.14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.15.1. Tindif volontarju u tħawwil ta' siġar** **(T/6/1Vol IV)**

2.15.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li ssir *clean-up* fl-inħawi tal-Fortizza ta' Campbell f'Selmun nhar is-Sibt 8 ta' Frar 2020 fis-2:00 pm.

2.15.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

2.15.4. L-istess Kunsilliera għarrfet li hija, flimkien mas-Sindku D. Vella ltaqgħet mas-Sur Adrian Gatt mill-*Grow Ten Trees Project*, li jixtiequ jinvolvu lill-Kunsill f'inizjattiva li tinvolvi t-tħawwil ta' mitt siġra waqt attività li sseħħ nhar is-Sibt 7 ta' Marzu 2020. L-istess attività tista' tkun tinkludi wkoll *clean-up*.

2.15.5. Il-Kunsill ikkunsidra din il-proposta b'mod pożittiv, iżda ma ġewx indikati postijiet fejn jistgħu jitħawwlu mitt siġra.

**2.16.1. B*ins* għall-*filters* tas-sigaretti** **(L/5/Vol II)**

2.16.2. Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 6 tat-22 ta' Ottubru 2019 u ppproponiet li jitwaħħlu cigarette bins fil-postijiet li jidhru hawn taħt:

1. Triq il-Kbira (*bus stop* faċċata ta' Triq il-Fortizza);
2. Belvedere tas-Sur;
3. Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II;

4. *Bus stop* fi Triq il- Marfa k/m Dawret it-Tunnara;

5. *Bus stop* fi Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq Adenau;

6. *Bus stop* fi Triq il-Kbira faċċata ta' Triq il-Qortin;

7. *Bus stop* fi Triq il-Marfa faċċata ta' Dawret il-Mellieħa; u

8. *Bus stop* faċċata ta' Triq in-Naħal.

2.16.3. Il-Kunsill approva l-postijiet indikati.

**2.17.1. Kolonja tal-qtates fl-Għadira** **(A/9)**

2.17.2. Kunsillier M. Abela rrefera għal imejl datat 29 ta' Diċembru 2019 fejn inġibdet l-attenzjoni dwar kolonja tal-qtates li ser tiġi affettwata ħażin bit-twaqqiegħ tal-Lukanda Mellieħa Bay.

2.23.1. Is-Sindku qal li fuq dawn it-tip ta' każi għandu jintalab l-intervent mill-*Animal Welfare and Promotion Services Directorate*.

2.23.2. Il-Kunsill qabel li din is-sitwazzjoni għandha tiġi trattata flimkien mad-Direttorat u mhux il-Kunsill waħdu. Kien hemm qbil li għandu jkun hemm żieda fil-baġit b'€2,000 għall-€5,000, kemm-il darba jkun meħtieġ li l-Kunsill jintervjeni wkoll.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Ħajt imġarraf fi Triq it-Tabib Joseph Grech Attard** **(W/2/Vol II)**

3.1.2. Il-Kunsillier R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-minuta 5.12.1. dwar is-suġġett t'hawn fuq u staqsiet jekk itteħditx azzjoni.

3.1.3. Is-Segretarju wieġeb li saru rappreżentazzjonijiet mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma darbtejn, u huwa magħruf li saret sejħa għall-offerti minn naħa tagħhom sabiex ikun jista' isir ix-xogħol meħtieġ.

**3.2.1. Taraġ fi Ġnien tal-Pellegrini** **(P/4/7/Vol II)**

3.2.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar x'inhi r-raġuni għaliex għadu ma sarux it-tiswijiet meħtieġa fit-taraġ tal-Ġnien tal-Pellegrini.

3.2.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg wieġeb li għalkemm il-materjal kien inxtara, il-ħaddiema kienu mpenjati fuq xogħlijiet oħra.

**3.3.1. Sinjali tal-Karreġġjata fi Triq il-Wilġa** **(T/4/7/Vol II)**

3.3.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar in-nuqqas tal-sinjali tal-karreġjata fi Triq il-Wilġa u fi Triq il-Mellieħa wara li din ġiet asfaltata mill-ġdid minn Infrastructure Malta.

3.3.3. Il-Kunsill talab li ssir rappreżentazzjoni ma' Infrastructure Malta f'dan is-sens.

**3.4.1. Periklu fi Triq Snajjin k/m Triq Adenau** **(C/6/Vol IX)**

3.4.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet dwar jekk ittieħdu passi dwar periklu fil-post imsemmi bil-għan li jitneħħa periklu kkawżat minn spazju li tħalla bejn puġġaman u l-faċċata tal-binja bl-isem "Viewpoint" fi Triq Snajjin.

3.4.3. Is-Segretarju wieġeb li l-iżviluppaturi tal-binja ntalbu sabiex ineħħu l-periklu u fil-fatt dawn għalaq l-ispazju li kien hemm.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 11/01/20;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 26/11/19 – 16/12/19;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 17/12/19 – 08/01/20;
- Skeda ta' Pagamenti – 13/12/19 – 10/01/20;
- Abbozz tal-Estimi 2020;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunità (A/9

5.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal ittra datata 26 ta' Diċembru 2019 mibgħuta mid-Dipartiment għar-Regolazzjoni Veterinarja u Saħħa tal-Pjanti, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li kkwalifika għal għotja ta' €8,000 sabiex tagħmel tajjeb għal titjib fil-faċilitajiet meħtieġa għas-servizz ta' tiswija (*neutering)* tal-qtates. Il-Kunsill ġie mfakkar li l-inizjattiva tinvolvi nefqa stmata li tlaħħaq €13,485, biex tiġi żviluppata biċċa art devoluta lill-Kunsill li tinsab fi Triq Ġużè Flores biswit il-Park tal-Familja, ħalli fuqha jsiru faċilitajiet fejn jinġiebu qtates għal perjodu ta' konvalexxenza wara li dawn jiġu msewwija *(neutered)*.. Is-Sur C. Debono qal li f'dan l-istadju jeħtieġ issir laqgħa mal-perit sabiex jiġi stabbilit jekk l-intervent jeħtieġx il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar.

5.1.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-perit fit-22 ta' Jannar 2019.

### 5.2.1. Żvilupp ta' *Green Infrastructure* (P/10/34)

5.2.2. Is-Segretarju rrefera għal ittra datata 28 ta' Diċembru 2019 mibgħuta mill-Fondazzjoni Grupp Azzjoni tal-Majjistra, dwar applikazzjoni li kienet saret taħt il-Miżura 4 – *Development of Green Infrastructure – Using Innovative Green Solution* – li tifforma parti mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2014 – 2020. Fl-istess ittra ntqal li l-proposta tal-Kunsill kienet intlaqgħet u kienu ser jiġu allokati l-fondi mitluba. Is-Sur C. Debono qal li f'dan l-istadju jeħtieġ issir laqgħa mal-perit sabiex jiġu stabbiliti il-dettalji tekniċi flimkien mal-perit.

5.2.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-perit fit-22 ta' Jannar 2019 bil-għan li jiġu mfassla id-dettalji tekniċi meħtieġa sabiex tkun tista' issir sejħa għall-offerti.

### 5.3.1. Fond Kulturali għall-Gvern Lokali (F/1/7/Vol IV)

5.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għal imejl datat 10 ta' Jannar 2020 fejn id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali talbet lill-Kunsill jindika d-dati tal-attivitajiet kulturali skedati għall-2020.

5.3.3. Il-Kunsill ikkonferma li l-attivitajiet ewlenin se jsiru fid-dati segwenti:

| | |
|---|---|
| 24 ta' Ġunju 2020 | Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ |
| 3, 10, u 17 ta' Lulju 2020 | Arti fil-Misraħ |
| 23 ta' Lulju 2020 | Jum il-Kunsill |
| 24, 25 u 26 ta' Lulju 2020 | Iljieli Melleħin |

| | |
|---|---|
| 17, 18, 19 8 20 ta'Diċembru 2020 | Milied Mellieħi |

**5.4.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Fortizza** **(T/3/2/Vol XV)**

5.4.2. Saret referenza għal petizzjoni datata 6 ta' Novembru 2019 iffirmata minn tlettax-il firmatarju fejn qed jitolbu li jsiru *speed humps* fi Triq il-Fortizza, bejn Triq il-Bebuna u Triq in-Nasses, minħabba l-aspett kummerċjali tagħha.

5.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma illi jista' ikun illi mhux ir-residenti kollha qed jappoġġjaw din it-talba u għalhekk jeħtieġ li jitqassam kwestjonarju fost ir-residenti li joqgħodu fuq iż-żewġ naħat fil-parti tat-triq imsemmi.

**5.5.1. Ipparkjar fi Triq Sammy Bartolo** **(T/3/2/Vol XV)**

5.5.2. Saret referenza għal petizzjoni ppreżentata fit-18 ta' Diċembru 2019, iffirmata minn ħamsa u għoxrin firmatarju fejn qed jitolbu li l-ispazju għall-parkeġġ ikun riżervat għar-residenti biss, minħabba d-domanda li teżisti minn nies li jiffrekwentaw dan il-post.

5.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jsir magħruf dwar jekk kienx hemm kawżi fil-Qorti li ġew deċiżi, kif ukoll linji gwida ta' Transport Malta dwar l-iskemi ta' ipparkjar għar-residents.

**5.6.1. Arranġamenti tat-traffiku ġodda fi Triq Għajn Tuffieħa** **(T/3/2/Vol XV)**

5.6.2. Inqrat ittra datata 4 ta' Diċembru 2019 mibgħuta minn Transport Malta dwar arranġamenti tat-traffiku fit-triq imsemmija, li jinvolvu l-introduzzjoni ta':

- Limitu ta' veloċità ta' 60 kilometru fis-siegħa flimkien ma' *dragon teeth*;
- Korsija għaċ-ċiklisti; u
- *Pelican crossing* fl-inħawi tal-Ballut;

5.6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkummenta li r-residenti ta' Għerien il-Ħida u dawk tal-Palma jkollhom ħtieġa jaqsmu t-triq u għalhekk ikun jagħmel sens jekk issir *pelican crossing* fl-istess inħawi.

5.6.4. Il-Kunsill, għalkemm jara l-bżonn tar-residenti tal-Ballut li jaqsmu Triq Għajn Tuffieħa, minn naħa l-oħra, kien tal-fehma illi *pelican crossing* fil-post indikat tkun perikoluża peress li teżisti kurva fuq kull naħa tal-post indikat. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li t-triq hija bla dawl.

5.6.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 5.6.3. aktar 'il fuq.

**5.7.1. Introduzzjoni ta'*layby* fi Triq iċ-Ċirkewwa** **(C/8)**

5.7.2. Inqara imejl datat 7 ta' Jannar 2020 fejn l-operatur tal-Paradise Bay Hotel ilmenta li meta jkun hemm okkażjonijiet li jattiraw ħafna nies lejn Għawdex l-aċċess għall-istess lukanda jkun imxekkel b'serbut twil ta' vetturi. Aċċennaw ukoll li fl-10 ta' Jannar 2019 huma kienu ġew imsejħa jattendu laqgħa ma' Infrastructure Malta fejn ġew imwiegħda li ser issir *layby* 'il ġewwa mil-*boundary wall* tal-lukanda, iżda fil-fatt ma sar xejn minn dan. Jidher ukoll li mhemmx data definita meta dawn ix-xogħlijiet ser jitwettqu.

5.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li Infrastructure Malta għandhom jiġu mitluba jgħidu x'inhuma l-pjanijiet tagħhom dwar il-proposti li kien hemm qbil dwarhom.

**5.8.1. Taħditiet dwar kundizzjonijiet ortopediċi (M/8/Vol VI)**

5.8.2. Sar aċċenn għal imejl datat 27 ta' Diċembru 2019, fejn saret proposta sabiex jingħataw tliet taħditiet, mingħajr ħlas, fis-sala tal-Kunsill, dwar is-suġġett imsemmi.

5.8.3. Il-Kunsill aċċetta t-talba.

**5.9.1. Ftehim ma' assoċjazzjonijiet sportivi dwar l-użu tal-faċilitajiet fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)**

5.9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fuq dan is-suġġett fis-Seduta Nru. 5 tal-1 ta' Ottubru 2019. Huwa qal li t-test tal-ftehim ġie mgħoddi lill-avukat tal-Kunsill u saru xi emendi fiħ li jinvolvu l-Artikli 6, u 8(iii).

5.9.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg tenna li l-klawsola 8(i) tal-ftehim dwar it-terminu tal-ftehim għandha tispeċifika li dan għandu jkun ta' staġun wieħed.

5.9.4. Il-Kunsill approva t-test bil-proposta skont il-minuta 5.9.3. aktar 'l fuq, u qabel li għandu jiġi mgħoddi lill-għaqdiet sportivi koncernati sabiex jiġi ffirmat.

**5.10.1. PA 4811/19 - Proposta mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura sabiex titwaqqaf żona għall-akwakultura fit-tramuntana tal-Gżejjer Maltin b'kapaċità ta' 5,000 tunnellata ta' ħut (T/8)**

5.10.2 Is-Segretarju rrefera għall-applikazzjoni msemmija u ġibed l-attenzjoni li din hija simili għall-PA 3072/17 li kienet saret mill-istess Dipartiment. Ġie mfakkar li fil-każ ta' dik l-applikazzjoni kienu saru rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità fejn il-Kunsill kien esprima ruħu li:

(a) jaqbel fil-prinċipju mal-proposti dwar l-introduzzjoni ta' żona għall-akwakultura fil-post indikat fuq is-Sikka l-Bajda fit-Tramuntana ta' Malta;

(b) li n-numru ta' gaġeġ u bijomassa ma jiżdiedux fuq dak indikat fil-permess li jista' jinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti Maltin, irrispettivament mill-kwoti tal-qbid tat-tonn li tistabilixxi l-*International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas (ICCAT)* minn żmien għal żmien;

(c) Iż-żona tkun ta' medda suffiċjenti sabiex takkomoda t-tunnellaġġ ta' bijomassa indikat fit-talba (5,000 tunnellata) u għaldaqstant m'għandhiex tittieħed medda ta' baħar ikbar milli meħtieġ; u

(d) Iż-Żona mitluba tkun f'distanza 'il barra biżżejjed sabiex bl-ebda modd ma taffettwa x-xtut tat-tramuntana ta' Malta;

5.10.3. Il-Kunsill approva l-punti (a) sa (d) fil-minuta preċedenti.

**5.11.1. *Vehicle charging pillars* (V/4)**

5.11.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għad-diskussjonijiet li kien hemm fis-seduti preċedenti dwar il-possibiltà li jiġu ntrodotti *vehicle charging pillars* fejn id-diversi *substations* tal-elettriku li jeżistu fil-lokalità. Kompla jgħid li fis-6 ta' Jannar 2020 saret laqgħa mal-Kap Eżekuttiv tal-Enemalta fejn ġiet diskussa miegħu din il-proposta dwar l-introduzzjoni ta' *vehicle charging pillars* fejn *sub-stations* tal-Enemalta. Huwa qal li jidher illi hemm interess min-naħa tal-Enemalta u kien miftiehem li għandha ssir stima tat-tagħmir u l-installazzjoni tiegħu.

5.11.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li għalkemm jidher li hemm qbil fil-prinċipju minn naħa tal-Enemalta, aċċenna wkoll li f'dan l-istadju ma ġewx diskussi d-dettalji dwar ir-reġistrazzjoni tal-konsum u l-ħlas relattiv. Għal-laqgħa attendew is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

5.11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.12.1. *Service culverts* fiż-żona Ta' Masrija (E/1/Vol III)

5.12.2. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna li l-Enemalta kienet għamlet eżerċizzju sabiex titrasferixxi *cables* minn mal-faċċati tal-bini għas-*service culverts*. Minkejja dan, għad fadal sezzjoni minn Triq Ta' Masrija, Triq il-Bebuna u Triq il-Kunsill tal-Ewropa fejn għadu ma sar xejn minn dan.

5.12.3. Il-Kunsill qabel li għandu jġib dan il-punt għall-attenzjoni tal-Enemalta.

### 6.1. Aġġornament dwar il-ħidma mill-Pulizija tal-Komunità (P/9/4)

6.2. Is-seduta ġiet sospiża sabiex tingħata l-opportunità lis-Surġent G. Gatt u l-Kuntistabbli C. Azzopardi Refalo jagħtu ħarsa lejn il-ħidma li kien involuti fiha t-tim tal-Pulizija tal-Komunità fl-aħħar ġimgħat, kif ukoll il-miri tagħhom sa Marzu 2020. L-attivitajiet li saret referenza għalihom kienu s-segwenti:

| |
|---|
| o **Sistemi Elettroniċi**<br><br>o F'Diċembru 2019 ġiet introdotta *online reporting system* permezz tas-sit elettroniku https://pulizija.gov.mt li hija aċċessibbli anke permezz ta' *mobile app* imfassla apposta sabiex wieħed jirrapporta lill-Pulizija tal-Komunità tal-Mellieħa.<br><br>o Provi bis-sistema HALO, addottata fl-Ingilterra, li permezz tagħha pulizija tar-ronda jistgħu jibgħatu filmati lis-superjuri tagħhom, u abbażi tal-istess filmati jingħataw struzzjonijiet dwar kif għandhom jaġixxu. |
| o **Ħidma mat-Tfal tal-Iskola**<br><br>o Fl-20 ta' Jannar 2020 ser tiġi kordata żjara fl-Iskola Primarja mis-Sezzjoni tal-Klieb, tat-Traffiku tal-Pulizija u tal-*Crime Prevention*, għat-tfal mit-tielet sas-sitt sena.<br><br>o Ser issir kompetizzjoni għall-aħjar *Easter Bunny Card* u jingħataw *goodie bags* tal-Pulizija lir-rebbieħa.<br><br>o Ser issir laqgħa mas-*social worker* tal-Kulleġġ Maria Regina dwar imġieba ta' tfal li jattendu l-Iskola Primarja tal-Mellieħa.<br><br>o Inizjattiva flimkien mal-LESA sabiex tinbagħat ittra lill-ġenituri tat-tfal li jattendu l-Iskola Primarja dwar is-sigurtà pedonali fi Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida. |
| o **Santa Marija Estate**<br><br>o Fl-14 ta' Jannar 2020 ser issir laqgħa sabiex tiġi organizzata n-*neighbourhood watch* ġewwa Santa Marija Estate, intiża sabiex jiġu nominati kordinaturi minn fost ir-residenti, li jkunu jistgħu jgħaddu l-osservazzjonijiet li jsiru lill-Pulizija tal-Komunità.<br><br>o Ser jiġi rakkomandat lir-residenti sabiex isir użu minn prodotti simili għall-SelecaDNA li jisprejja l-persuna u oġġetti li jinsterqu hekk kif jgħaddu minn postijiet fejn dawn ikunu nstallati. Permezz tiegħu jkun iktar faċli għall-Pulizija biex jippruvaw il-preżenza ta' persuni fuq il-post fejn ikun sar ir-reat.<br><br>o Ser isir *Environment Visual Audit* fiż-żona ta' Santa Marija Estate. |

| |
|---|
| o **Infurzar tal-Liġi**<br><br>o Ser isir *Traffic Audit* dwar tabelli u sinjali tat-traffiku u nuqqas ta' sigurtà li jista' jkun hemm f'ċerti toroq.<br><br>o Spezzjonijiet fiż-żoni għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax u tabelli li għandhom jitwaħħlu f'dawn il-postijiet. Infurzar tal-*bye-laws* fir-rigward ta' attivitajiet oħra li jsiru fil-beraħ.<br><br>o Laqgħat regolari bejn l-Iskwadra tad-Drogi, il-Pulizija tal-Komunità u l-Kunsill Lokali. |

6.3. Il-Kunsillier I. Castillo għarraf illi kien hemm persuna li offra tabelli tan-*neighbourhood watch* sabiex jitwaħħlu fejn dan l-arranġament jeżisti fil-Mellieħa.

6.4. Is-Surġent G. Gatt wieġbet li fir-rigward ta' Santa Marija Estate ser jitwaħħlu *stickers* mal-aperturi. Minkejja dan, hija talbet sabiex tingħata d-dettalji tal-persuna konċernata.

6.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar talbet sabiex tiġi ffissata data ħalli jinbenda l-*Environment Visual Audit* f'Santa Marija Estate.

## 7.1. Reviżjoni tal-*Bye-laws* K.L.B.L. 37/02/2017 dwar Attivitajiet fil-Beraħ

**(B/5/Vol IV)**

7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fit-8 ta' Jannar 2020 saret laqgħa mal-avukat A. Abela dwar is-suġġett, li għaliha attenda s-Sindku D. Vella, il-Viċi-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillieri A. Brincat Stellini, E. Bartolo, I. Castillo, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

7.3. Is-Segretarju spjega li l-emendi rakkomandati kienu jinvolvu l-artikli li ġejjin:

| Artiklu 2 | Definizzjoni tal-frażi "vettura bil-mutur" |
|---|---|
| Artiklu 3.1.1 | • Tiżdied il-kelma "*caravan*" mal-lista ta' attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsill taħt dawn il-*bye-laws*.<br><br>• Tiżdied frażi li tgħid illi l-kundizzjonijiet inklużi fil-permess li jinħareġ mill-Kunsill għandhom jitqiesu bħala parti minn dawn il-*bye-laws*.<br><br>• Jiżdied *proviso* illi ma huwiex permess li jsir ipparkjar ta' vettura bil-mutur, jew *caravan* fiż-Żoni għall-Kampeġġ A, B, u Ċ, kif delineati fl-Ewwel Skeda.<br><br>• Jiżdied *proviso* ieħor li ma huwiex permess li jsir ipparkjar ta' *campers* u *caravans* fil-parkeġġ propost fl-Għadira.<br><br>• Issir referenza għar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tas-Siġar u l-Imsaġar (L.S. 549.64) |
| Artiklu 3.1.2 | Ma jibqax permess li jsir tisjir fil-beraħ permezz tal-faħam. bil-ħatab, jew l-użu ta' ġeneraturi, jew daqq ta' mużika amplifikata fiż-żoni ta' kampeġġ A, B, Ċ, u D. |
| Artiklu 5 | Il-multa għal minn jikser xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-*Bye-laws*, jew jikser xi kundizzjoni tal-permess, tiżdied minn €70 u ssir ammenda ta' mhux inqas minn mitt euro (€100) u mhux iktar minn hames mitt (€500). |

| | |
|---|---|
| Il-Ħames Skeda | Tiżdied din l-iskeda biex tinkludi pjanta li tindika fejn jinsab il-parkeġġ tal-Għadira. |

7.4. Is-Sur C. Debono qal li huwa għadda l-abbozz lill-avukat sabiex jeżamina t-test u jgħaddih għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

7.5. Il-Kunsill innota l-progress li sar.

**8.1. Sejħa għall-Offerti 9/2019 – Titjib fiċ-Ċentru ta' Interpretazzjoni dwar is-sajd tat-tonn fil-Batterija ta' Westreme (P/4/4/Vol IV)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li r-raba' sejħa msemmija hawn fuq għalqet fis-7 ta' Jannar 2020 u kien hemm offerent wieħed li offra li jattrezza ċ-ċentru ta' interpretazzjoni għas-somma ta' €172,664 inkluża l-V.A.T. Is-Sur C. Debono qal ukoll li s-sottomissjonijiet li saru ġew mgħoddija lill-perit u l-inġinier nvoluti fit-tfassal tal-ispeċifikazzjonijiet, sabiex jagħmlu l-evalwazzjoni teknika rispettiva.

8.3. Il-Kunsill ħatar lis-Sindku D. Vella, il-Viċi-Sindku J. Buttigieg, u l-Kunsillier E. Bartolo sabiex ikunu membri fuq il-Kumitat ta' Evalwazjoni.

**9.1. Estimi Finanzjarji 2020 (F/1/31)**

9.2. Is-Segretarju ressaq rendikont dwar id-dħul u l-infieq previst għas-sena finanzjarja 2019. Ressaq ukoll abbozz ta' dħul previst għall-2020, kontra l-estimi li jinkludu l-proġetti u inizjattivi maqbula mill-Kunsill fis-seduti preċedenti, partikularment f'dawk li huma proġetti kapitali u attivitajiet kulturali.

9.3. Huwa qal li l-abbozz imressaq sar *on a cash basis* u għalhekk issa jeħtieġ li jiġu mgħoddija lill-*accountant* sabiex jitħejjew abbażi ta' *accruals.* B'hekk jittieħdu in konsiderazzjoni fatturi oħra bħalma huwa d-deprezzament fuq l-assi permanenti, il-valur tal-i*stocks*, *short* u *long term liabilities*, eċċ.

9.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ippropona li l-bdil tal-lampi tat-toroq fil-parti l-antika tal-Mellieħa għandu jitkompla fi Triq Salvinu Vella, Triq is-Santwarju, Triq San Luqa, Triq il-Madonna tal-Għar (bejn Misraħ il-Parroċċa u Triq il-Kappillan Magri), u l-parti t'isfel ta' Triq il-Kappillan Magri.

9.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru żewġ laqgħat tal-lokalità – waħda fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-29, u oħra fis-Sala Parrokkjali tal-Manikata fit-30 ta' Jannar 2020 fis-6:30 pm.

**10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

10.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 11 ta' Jannar 2020.

10.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.4. Tressqu wkoll żewġ skedi ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li jkopru bejn is-26 ta' Novembru 2019 u t-8 ta' Jannar 2020.

10.5. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-16 ta' Diċembru 2019 u l-10 ta' Jannar 2020.

10.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fl-erba' skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fid-9.40 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 11 ta' Frar 2020 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**